MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 588/2004

**Maltacom plc**

**vs**

**Santo u Rita konjugi Schembri**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Marzu 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati ihallasu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u erbgha u sittin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm164.27) in konnessjoni mas-servizz tat-telephone fin-numru 21661888 (numru tal-klijent 32031) skond ma jirrizulta mill-anness Dokument ittra "A", u liema servizz gie installat fil-fond 68, Trq San Pawl, Hal-Ghaxaq.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribli mill-11 ta' Mejju 2001 u bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti wiegebu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13(b)tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew regolarment notifikati, naqsu milli jdhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attirici s-somma ta' mija u erbgha u sittin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm164.27) bl-imghax dekorribli mill-11 ta' Mejju 2001 sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza  ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenutI skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------